# Lid-Demokrazija

*Lill-aħwa kollha ta' ħsieb ħieles.*

Il-baħar qam għalik, u ħalla ħalla
Ihedded ta' kulljum li jgħarrqek miegħu:
Hekk ħalfu d-dittaturi: xejn jitħalla
Ma għandu mill-Ħelsien ħlief l-isem tiegħu.

Għalxejn il-baħar iżd' għalik jitqalla,
Għax il-bnedmin ma jistgħu qatt ibiegħu
Il-jedd ewlieni li ħallielhom Alla
U l-isbaħ għatja tas-setgħat ta' driegħu.

Għal min bħal issa qiegħed skiet jitmagħhom
Il-ġnus iqumu xħin int turi saħħtek
U l-ebda Kbir ma jista' mbagħ'd jirbaħhom.

Igerrbu s-snin u għad iwaqqgħu magħhom
Saltniet il-jasar. Inti tibqa' waħdek
Tgħanni rebbieħa fuq il-qabar tagħhom.

ĠORĠ PISANI

Għawdex